# STATUT TAL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

## TIBDIL U ŻIDIET FL-ISTATUT MGHODDIJIN MILL-KUNSILL

Proposti dwar tibdil u/jew żidiet fl-Istatut imwettqin mill-Kunsill :—

**Regolament 14.** — L-ewwel paragrafu tar-regolament jinbidel b'dan il-mod :—

"Il-Kunsill ikun magħmul minn: President, Viċi President, Segretarju, Teżorier, Uffiċjal tal-Propaganda, li jissejħu Membri Uffiċjali, u tmien membri oħra li minn fosthom jingħażlu mill-istess Kunsill: Arkivista, Asst. Segretarju u Asst. Teżorier".

Konsegwenza ta' dan it-tibdil: kulfejn fl-Istatut hemm il-kelma "Kaxxier" din tinbidel f'"Teżorier".

**Regolament 24.** — Ir-regolament jinbidel hekk:

"Il-Laqgħat Ġenerali jsiru għallinqas darba fis-sena u kull meta jidhirlu meħtieġ il-President jew il-Kunsill jew meta għaxar Membri Effettivi jiru lis-Segretarju bil-miktub li jridu laqgħa ġenerali u għalfejn iriduha ssir".

**Regolament 28.** — Ir-regolament jinqara hekk :—

"*Viċi President*. Meta l-President ma jkunx jista' jaqdi dmiru jidħol floku l-Viċi President. Jekk ħadd minnhom ma jkun fil-laqgħat sa kwarta wara l-ħin, wieħed mill-Membri tal-Kunsill, jekk ikun hemm 'quorum', jitlob li jiġi maħtur President Proviżorju minn fost il-membri preżenti".

**Regolament 29.** — Ir-regolament jiżdied b'dan il-paragrafu:

"L-Ass. Segretarju jgħin lis-Segretarju u jidħol floku meta s-Segretarju ma jkunx jista' jaqdi dmiru. Jekk fil-laqgħat ma ikun hemm ħadd minnhom, il-President jordna li jinħatar Segretarju Proviżorju minn fost il-membri preżenti".

**Regolament 30.** — Ir-regolament jiżdied b'dan il-paragrafu wara l-ewwel paragrafu :—

"L-Ass. Teżorier igħin lit-Teżorier u jidħol floku meta dan ma jkunx jista' jaqdi dmiru".

Fi tmiem l-ewwel paragrafu, wara l-kelma "Rivista", jiżdiedu dawn il-kelmiet :—

"fuq il-firma tat-Teżorier u tar-Reviżuri. Jekk ir-Reviżuri ma japprovawx ir-rapport tat-Teżorier għandhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom f'rapport li jressqu quddiem il-Kunsill".



It-tieni paragrafu, wara l-kelma "Lil", jinbidel u jkompli jinqara hekk :—

"tliet Reviżuri li fosthom wieħed ikun Supplenti. Ir-Reviżuri jingħażlu mil-Laqgħa Ġenerali wara li jkun inħatar il-Kunsill; dawna jingħażlu minn fost il-Membri Effettivi li ma jkunux membri tal-Kunsill.

**Regolament 37.** — Wara li l-pont ta' tmiem il-paragrafu jinbidel f'virgola, il-paragrafu jiżdied b'dawn il-kelmiet :—

"iżda madankollu huwa għandu jibqa' jħallas sa l-aħħar tas-sena, kemm-il darba ma jkunx għarraf lis-Segretarju li huwa biħsiebu jitlaq mill-Għaqda qabel iż-żmien tat-tiġdid tat-tisħib".

**Regolament 39.** — Il-kliem tar-regolament jitneħħa għal kollox u r-regolament jinqara hekk :—

"Jistgħu jsiru tibdiliet, żidiet, ecc., fl-Istatut f'Laqgħa Ġenerali qabel il-ħatra tal-Kunsill, jew f'Laqgħa Ġenerali msejħa b'dak l-iskop. Dawn jistgħu jkunu proposti mill-Kunsill jew mill-Membri Effettivi, iżda meta jkunu proposti mill-Membri jridu jaslu lis-Segretarju bil-miktub għallinqas xahar qabel il-laqgħa ġenerali li fiha jkun maħtur il-Kunsill l-ġdid, jew f'laqgħa ġenerali msejħa għal hekk".

**Regolament 40.** — Jiżdied dan ir-regolament :—

"L-Istatut jista' jiġi mibdul jew miżjud b'maġġuranza ta' voti ta' tnejn minn tlieta (⅔) f'Laqgħa Ġenerali li fiha jkun hemm mhux inqas min-numru ta' wieħed minn tlieta (⅓) tal-Membri Effettivi. Iżda kemm-il darba ma jkunx hemm in-numru meħtieġ ta' Membri Effettivi kif stabbilit hawn fuq f'żewġ laqgħat imsejħin għall-iskop li jitgħaddew xi tibdil jew żieda fl-Istatut, dawn jistgħu jiġu approvati fit-tielet laqgħa b'maġġuranza ta' voti ta' tnejn minn tlieta (⅔) tal-membri li jkun hemm f'dik il-laqgħa wara kwarta mill-ħin iffissat tal-ftuħ tal-laqgħa".

**Regolament 41.** — Jiżdied dan ir-Regolament :—

"AFFILJAZZJONI

41. Il-Kunsill jista', jekk jidhirlu, jaffilja mal-Għaqda soċjetajiet letterarji Maltin oħra. Is-Soċjetajiet hekk affiljati ma jkollhomx il-jedd li jibagħtu rappreżentanti biex jagħmlu sehem mill-Kunsill tal-Għaqda. Din l-affiljazzjoni ssir skond regolamenti speċjali magħmulin mill-Kunsill tal-Għaqda.